



**Impenn solenni ta' Miguel Arias Cañete, Membru tal-Kummissjoni Ewropea,  
quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

*Udjenza solenni tat-28 ta' Jannar 2015*

Matul udjenza solenni quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li nżammet illum f'12:00, Miguel Arias Cañete, Membru tal-Kummissjoni Ewropea, ħa l-impenn solenni previst fit-Trattati.

Minkejja li t-Trattati ma jipprevedux il-modalitajiet speċifiċi għat-teħid tal-impenn solenni, il-Kummissjoni dejjem tat importanza kbira għall-fatt li l-impenn jittieħed quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

L-impenn solenni meħud minn M. Arias Cañete huwa s-segwenti:

*"Maħtur Membru tal-Kummissjoni Ewropea mill-Kunsill Ewropew, wara l-vot ta' approvazzjoni tal-Parlament Ewropew*

*Jiena nimpenja ruħi solennement:*

*li nosserva t-Trattati u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħi kollha;*

*li neżerċita r-responsabbiltajiet tiegħi b'indipendenza totali, fl-interess ġenerali tal-Unjoni;*

*li fit-twettiq tal-kompiti tiegħi la nfittex u lanqas nieħu struzzjonijiet minn xi gvern, istituzzjoni, korp jew organu;*

*li ma nwettaq ebda att li huwa inkompatibbli man-natura tal-funzjonijiet tiegħi jew mat-twettiq tal-kompiti tiegħi.*

*Jiena nagħraf l-obbligu stabbilit mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li bis-saħħa tiegħu kull Stat Membru għandu josserva din in-natura u għandu jastjeni milli jfittex li jinfluwenza lill-Membri tal-Kummissjoni fit-twettiq tal-kompiti tagħhom.*

*Jiena nimpenja ruħi wkoll li, matul il-perijodu tal-kariga tiegħi u wara li tintemm, nosserva l-obbligi marbuta mal-pożizzjoni tiegħi, b'mod partikolari d-dmir li naġixxi b'integrità u diskrezzjoni f'dak li jirrigwarda l-aċċettazzjoni ta' ċerti inkarigi jew ta' ċerti benefiċċji wara t-tmiem ta' din il-kariga."*

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355*

*Ritratti tal-udjenza solenni jkunu disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106*